# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Kawza Numru: 55**

**Citaz. Nru. 298/00**

Doc 255-02

**Geocon Limited**

**Vs**

**Kunsill Lokali ta' Marsaskala**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf tmien mija u tmintax-il lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm1,818.43), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz dovut lill-istess socjeta' attrici ghas-servizzi professjonali rezi minnha fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess konvenut;

Premess illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas ta' l-ammont dovut, sahansitra permezz ta' ittri bonarji datati d-29 ta' Lulju, 1999 u d-29 ta' Dicembru, 1999, u anke permezz ta' ittra ufficjali datata d-29 ta' Settembru, 1999, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1 Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u tmintax-il lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm1,818.43), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz dovut lill-istess socjeta' attrici ghas-servizzi professjonali rezi minnha fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess konvenut;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tad-29 ta' Lulju, 1999 u tad-29 ta' Dicembru, 1999 u tal-ittra ufficjali pprezentata fid-29 ta' Settembru, 1999, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data illi fih gew kompletati s-servizzi rezi ghall-beneficcju tal-konvenut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 8 tal-process fejn eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa eccessiv wara li ma rrendietx servizzi lill-eccipjenti ghall-valur pretiz minnha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F'dina l-kawza s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ghal xoghol li hija ghamlet fuq inkarigu tal-konvenuti. Il-konvenuti accettaw li huma ghandhom ihallsu u fil-fatt diga hallsu parti mis-somma mitluba imma ma hallsux is-somma kollha ghax mhux dovuta skond il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet.

L-atturi qed jissottomettu li huma kienu tefghu offerta ghal *contracts management* Dok A fol. 21 li giet accettata. Kienu hadu l-kuntratt (Dok B fol. 22) u dan kien jinkludi xoghol ta' *beach cleaning, street sweeping, street signs* u *markings* (fol. 28). Huma kienu taw stima lill konvenuti ta' kemm kien ser jigi x-xoghol Dok E fol. 44 u dan kien lahaq is-somma ta' Lm99,955 fuq liema somma kien imisshom *management fee* ta' Lm2,998.65. Ix-xoghol sar taht id-direzzjoni u supervizzjoni taghhom u meta baghtulhom l-*invoice* tax-xoghol li sar Dok M fol. 40 biex jithallsu, l-konvenuti accettaw li jhallsu parti biss mis-somma cioe' Lm1,180.22 (fol. 63) billi sostnew li l-parti l-ohra ma kienitx tirrigwarda xogholijiet li twettqu minn xi kuntrattur.

Ix-xoghol li kellu jsir kien jinkludi:

1. Servizzi ta' *water mains* u *house connections*;
2. qlugh tal-bankini ezistenti u rikostruzzjoni ta' l-istess;
3. rikostruzzjoni tat-toroq inkluz il-wicc tat-tarmac.

Parti minn dan ix-xoghol sar minn CJP Tarmac Limited u l-bqija tax-xoghol sar mid-dipartiment responsabbili ghax-xogholijiet fil-Gvern Centrali.

Il-konvenuti ghahekk qed isostnu li x-xogholijiet li saru ghal servizzi ta' *water mains* u *house connections* u qlugh tal-bankini ezistenti u

rikostruzzjoni ta' l-istess kien sar mill Gvern centrali u ghalhekk il-Kunsill ma kienx jindahal fir-rigward ta' hlas ta' l-imsemmija xogholijiet.

Minn naha taghhom l-atturi qed jinsistu li huma kienu gew imqabda mill-Kunsill Lokali, sew biex jaghtu dettal tax-xoghol mehtieg u stima tieghu, u sew biex jaghmlu supervizjoni tax-xoghol li kien qed jgi ezegwit, independentement mill-identita' tal-kuntrattur.

**Tikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi kienu baghtu lill-konvenuti fuq talba taghhom stima tax-xoghol li kellu jsir bl-indikazzjoni tal-ammont kemm kien ser jigi Dok E fol. 44. Skond il-*contract document* l-atturi kien imisshom 3% *management fee* fuq ix-xoghol komplut. Fil-fatt ix-xoghol kollu sar, kif ikkonferma Alfons Anastasi fix-xhieda tieghu.

Waqt li x-xoghol kien qed jigi esegwit l-atturi kienu jibghatu lill-konvenuti *progress reports* tax-xoghol <u>kollu</u> li kien qed isir, Dok F - J fol. 49 sa 53 u anke rapporti dettaljati Dok K sa L fol. 35 - 39 , u l-konvenuti qatt ma ndikaw lill-atturi li huma ma kienux mitluba li jaghmlu dan ix-xoghol u jaghtu dawn id-dettalji tax-xoghol jew biex ma jissorveljawx ix-xoghol li kien qed isir kemm minn CJP Tarmac kif ukoll mill-haddiema tal-Gvern Centrali.

Fil-*contract agreement* ma hemm ebda definizzjoni ta' min hu l-*contractor*, u lanqas ma jiddistingwi bejn kuntrattur privat u dak tal-Gvern. L-atturi ghamlu x-xoghol li kienu nkarigati jaghmlu mill-konvenuti fir-rigward taz-zewg kuntratturi, kemm dak privat u kemm dak tal-Gvern, u dana a bazi ta' l-istima originali li l-atturi kienu baghtu lill-konvenuti, qabel beda x-xoghol.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li billi l-atturi kienu nghataw l-inkarigu biex jaghmlu x-xoghol ta' *management* tax-xoghol kollu indikat fid-Dok D u E u mhux ta' parti biss, it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u ikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u tmintax-il lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm1,818.43), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz dovut lill-istess socjeta' attrici ghas-servizzi professjonali rezi minnha fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess konvenuti;

bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sal-eventwali pagament;

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**